# Kapulavuri ta' Salvu Psaila

*Kristen Mifsud, membru fil-Kummissjoni għar-Relazzjonijiet Pubbliċi fi ħdan l-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria, ser tgħaddilna tagħrif dwar ix-xogħlijiet ta' Salvu Psaila; l-iskultur tal-vara artistika tal-Madonna tal-Karmnu; skultur b'viżjoni artistika kbira.*

## Birkirkara – Il-vara ta' Sant'Elena

Il-vara ta' Sant'Elena nħadmet minn Psaila wara li l-iskultur mar joqgħod ġewwa Birkirkara fl-1835. Il-vara nħadmet f'Birkirkara stess f'*Villa Setteċenteska* fi Triq Ħal Għargħur. Minħabba f'hekk, din il-villa baqgħet rikonoxxuta bħala *l-Palazz ta' Sant'Elena*. Il-vara artistika ta' din l-imperatriċi ġiet maħduma fl-1837 u ġiet inawgurata f'Lulju tal-istess sena. B'ħarsa ħafifa lejn l-isfond storiku-reliġjuż ta' din il-qaddisa, jispikka s-sehem kbir tagħha fl-evoluzzjoni tar-reliġjon Kristjana. Sant'Elena kienet omm l-imperatur Kostantinu li fi żmienu bis-saħħa ta' digriet ('l-Editt ta' Milan') il-Kristjaneżmu rebaħ fuq il-persekuzzjoni Rumana.Omm l-imperatur mexxiet 'pellegrinaġġ spiritwali' lejn l-Art Imqaddsa bil-għan li ssib is-Salib Imqaddes. Huwa għalhekk li Psaila tana l-figura ta' din il-qaddisa sserraħ fuq għuda; simbolu tal-esperjenza mimlija qtigħ il-qalb u tensjoni sakemm temmet il-missjoni spiritwali afdata lilha.



*Ritratt li juri wiċċ mill-aktar espressiv b'għajnejn penetranti li jinfdu qalb l-ispettatur.*



*Ritratt li juri l-ħila teknika tal-iskultur fil-varjetà tal-panneġġi, fil-qagħda tal-qaddisa u fil-proporzjon artistiku tagħha.*

Kien fl-1837 meta l-Karkariżi avviċinaw lill-iskultur Bormliż sabiex jagħmel il-vara ta' Sant'Elena. Il-vara titulari kellha titħallas minn Ċensu Borg, magħruf bħala *Ta' Brared,* wieħed mill-mexxejja tal-Maltin fi żmien l-irvell kontra l-Franċiżi. L-iskultur akkumpanjat mill-benefettar dehru quddiem in-Nutar Ġużeppi Gatt Testaferrata sabiex jifformulaw patt legali li permezz tiegħu kellha tinħadem din il-vara. Il-ftehim kien, li kemm il-kundizzjonijiet, kif ukoll il-kwalità li kellhom x'jaqsmu ma' dan il-proġett, kellhom isiru fuq klawsola waħda; dik li fl-aħħar mill-aħħar tissodisfa l-gosti artistiċi tal-benefattur tagħha. Il-ftehim kien

*ikompli f'paġna 12*

*ikompli minn paġna 11*

Dawn li ġejjin huma l-ismijiet ta' erbatax-il għanja karnivaleska li wieħed isib fl-arkivju tal-Banda Queen Victoria. Dawn huma:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | *Farfett il-Lejl* | (Arranġament ta' Mro. F. Bugeja) |
| 2. | *Allegri Dejjem* | F. Bugeja |
| 3. | *Tikber u Tinsa* | F. Bugeja |
| 4. | *Kulħadd Ma' Tiegħu* | F. Bugeja |
| 5. | *Jien Għarus* | J. M. Bilocca |
| 6. | *Fejnek Marì* | J. M. Bilocca |
| 7. | *Planned Rules* | F. Bugeja |
| 8. | *Taħlita* | C. Sacco |
| 9. | *La Maschera* | F. Attard |
| 10. | *Pot. Pourril* | J. Abela Scolaro |
| 11. | *Carnival 1957* | J. Abela Scolaro |
| 12. | *Viva Espana* | (Arranġament ta' L. Borg) |
| 13. | *Carnival A* | Mro. V. Ciappara |
| 14. | *Carnival B* | Mro. V. Ciappara |

---

*ikompli minn paġna 5*

li Psaila kellu jieħu ħsieb ukoll is-salib li kellha żżomm f'idha l-qaddisa, l-induratura bid-deheb, kif ukoll il-pedestall li fuqu kellha titpoġġa.

Kienu ppjanati festi kbar għad-dħul tal-vara ġewwa l-Bażilika, malli din kellha tkun lesta. Sfortunatament dan ma kellux ikun. Il-vara ddaħlet ġewwa l-Bażilika erbat ijiem wara d-data ppjanata mingħajr ċelebrazzjonijiet ta' xejn. Dan ġara minħabba li dak iż-żmien pajjiżna ntlaqat mill-marda qerrieda tal-kolera. Kollox sar minn taħt, għar-raġuni li l-mexxejja Ingliżi kienu qegħdin jagħmlu pressjoni kbira biex ma jsirux ċerimonji li jiġbru l-folol biex b'hekk ma jagħtux lok li din il-marda tkompli tinxtered iktar. Mad-dħul tagħha fil-Bażilika, il-vara ġiet imbierka, tkanta l-innu *Fortem Virili Pectore* u sar xi talb quddiemha.

Sfortunatament, Brared ma laħaqx gawda ħafna l-proġett li bbenefika għalih, għaliex miet l-għada li l-istatwa daħlet fil-Bażilika. Il-katavru tal-benefattur ewlieni tal-istatwa, tħalla quddiem il-vara sakemm wasal il-mument tad-difna. Fl-1919 l-istatwa ġiet indurata miż-Żurrieqi Francesco Coleiro u iktar tard sarulha kuruna, ċintorin u sandli tad-deheb fuq disinn tal-Kanonku Vinċenz Saliba wara li hu stess ġabar id-deheb kollu mingħand il-Karkariżi bil-għan li l-istatwa tidher iktar rikka.

B'dan il-kapulavur artistiku, Psaila ġibed lejh l-istima u l-ammirazzjoni tal-poplu Karkariż li kien ferm sodisfatt b'xogħlu. Forsi kienu dawn is-sentimenti li ħajru lil Psaila jibqa' jgħix fosthom sa ma ħalla din id-dinja fl-għomor ta' 73 sena.

**Referenzi**

Magro Christopher u Mangion Stanley, '*Skulturi Maltin tal-iskola Spanjola*', Pubblikazzjoni tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla, Malta 2013.

'L-Istatwa ta' Sant'Elena.' *www.sainthelenbc.org*. Sit elettroniku. 28 Jannar. 2014.